

Brussell, 7 ta' Marzu 2025
(OR. en)

6523/25

LIMITE

INST 46
POLGEN 14
AG 21

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	LAQGH TAL-KUNSILL (AFFARIJET ĠENERALI) TAT- 18 TA' MARZU 2025: TĦEJJIJA Programmazzjoni leġiżlattiva Dikjarazzjoni konġunta dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi tal-UE għall-2025

**Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-
Kummissjoni Ewropea dwar**

il-prijoritajiet leġiżlattivi tal-UE għall-2025

Is-sena l-oħra, għadd rekord ta' ċittadini tefgħu l-vot tagħhom fl-elezzjonijiet Ewropej, u daru lejn l-UE għal soluzzjonijiet konġunti għall-isfidi globali li jikkarakterizzaw din l-era. Miż-żieda fil-kompetizzjoni ġeostrateġika, ambjent ta' sigurtà globali volatili, l-effetti devastanti tat-tibdil fil-klima, il-persjonijiet tal-migrazzjoni irregolari u l-attakki fuq id-demokrazija tagħna, għall-isfidi u l-opportunitajiet ta' żviluppi teknoloġiċi rapidi u l-ħtieġa tant importanti li tingħata spinta lill-prosperità u l-kompetittività futuri tagħna; ser naħdmu fuq reazzjonijiet konġunti fil-livell tal-UE.

Ser naħdmu biex inżommu l-influenza globali tal-UE u nipproteġu u niddefendu d-drittijiet u l-valuri fundamentali tagħna, id-demokrazija u l-istat tad-dritt fl-Unjoni tagħna u lil hinn minnha. Ser nibqgħu viċin l-Ukrajna hekk kif tiġġieled il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja u nappoġġaw ir-rikostruzzjoni tagħha u l-kisba ta' paċi ġusta u dejjiema. Ninsabu lesti li naġixxu u nirreaġixxu malajr għal sfidi ġodda, inkluż billi niżguraw li l-UE u l-Istati Membri tagħha qed jaqdu r-rwol tagħhom f'bidliet ġeopolitiċi kbar.

Il-viżjoni strateġika għall-Unjoni, minquxa fil-Konklużjonijiet Konġunti tat-tliet istituzzjonijiet tagħna dwar l-oġġettivi u l-prijoritajiet ta' politika għall-2025–2029, ser tiggwida l-azzjoni tagħna f'dawn iż-żminijiet turbolenti. L-azzjonijiet tagħna ser jitfasslu b'mentalità ta' urġenza u ser jiffukaw fuq it-tiżiħ tal-kompetittività tagħna filwaqt li nżommu l-mudell uniku tagħna tal-ekonomija soċjali tas-suq, insaħħu l-arkitettura tas-sigurtà u l-kapaċitajiet ta' difiża tagħna, insiru aktar innovattivi u niksbu rwol ewlieni diġitali, niksbu simplifikazzjoni estensiva tar-regoli tal-UE biex niżguraw il-kisba effiċjenti tal-oġġettivi tal-politika tagħna, nipproteġu n-natura u niksbu n-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050.

Abbażi tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2025, it-tliet istituzzjonijiet jaqblu li jagħtu l-oġġha prijorità lill-oġġettivi ta' politika ewlenin li ġejjin:

1. Ser nagħtu bidu għal **era ġdida għad-difiża u s-sigurtà Ewropea** biex niffaċċjaw l-ambjent tas-sigurtà globali u domestiku dejjem aktar volatili. Ser naħdmu lejn żieda fl-investment fid-difiża biex insaħħu l-kapaċitajiet u l-produzzjoni fil-qasam tad-difiża tal-UE, u mmexxu 'l quddiem il-ħidma tagħna fuq l-akkwist komuni li jiżgura l-provvista ta' prodotti tad-difiża Ewropej u nagħtu spinta lill-bażi teknoloġika u industrijali Ewropea tagħna. Ser insaħħu t-tnejn tagħna li niffaċċjaw diversi tipi ta' kriżijiet billi naħdmu fuq Unjoni tal-Preparatezza tal-UE. Ser insaħħu wkoll il-kapaċitajiet tagħna ta' ċiberdifiża bħala parti minn eżerċizzju aktar ġenerali biex insaħħu d-difiża Ewropea. Barra minn hekk, ser nipprovdur rispons olistiku għat-theddid għas-sigurtà interna kif ukoll għall-isfidi trasversali u ibridi abbażi ta' Strateġija ta' Sigurtà Interna tal-UE. Ser inkomplu nindirizzaw il-migrazzjoni irregolari b'mod komprensiv, niżguraw l-implimentazzjoni rapida tal-leġiżlazzjoni adottata tal-UE, nespandu s-sħubijiet tagħna ma' pajjiżi terzi, u billi mmexxu 'l quddiem approċċ komuni għar-ritorni u pajjiżi sikuri.

2. Biex nagħtu spinta lill-**prosperità u l-kompetittività sostenibbli tal-Ewropa**, ser nindirizzaw il-prezzijiet għoljin tal-enerġija u nkomplu nnaqqsu d-dipendenza enerġetika tagħna, nappfondixxu s-Suq Uniku tagħna, nappoġġaw is-setturi strateġiċi Ewropej u l-SMEs, niżguraw it-tixrid tat-teknoloġija diġitali, nippromwovu impjiegi ta' kwalità u nagħtu spinta qawwija lill-investimenti pubbliċi u privati. B'dan il-mod, ser nippromwovu industriji b'saħħithom u kompetittivi u negozji Ewropej li jsiru innovaturi globali ewlenin, b'mod partikolari fil-qasam tal-Intelliġenza Artifiċjali. Ser nibqgħu fit-triq lejn in-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050 filwaqt li nimpenjaw ruġna għal tranżizzjoni ġusta li tippromwovi l-koeżjoni soċjali u l-ekwità. Filwaqt li naħdmu b'mod konġunt fuq firxa ta' miżuri f'setturi differenti, ser insegwu l-għan komuni tagħna li nagħmlu r-regoli tal-UE aktar sempliċi u inqas ta' piż bħala kwistjoni urġenti. Ser nagħmlu dan mingħajr ma nikkompromettu l-oġettivi ta' politika maqbula, inżommu l-ambitu tal-inizjattivi ta' simplifikazzjoni mingħajr ma nergħu niftħu partijiet oħra tal-leġiżlazzjoni, biex nipprovdu għajjnuna massima u rapida lill-kumpaniji.
3. Biex **nappoġġaw lin-nies, insaħħu s-soċjetajiet tagħna u l-mudell soċjali tagħna**, ser inkomplu niżguraw li t-tranżizzjonijiet nodfa u diġitali tagħna jimxu id f'id ma' aġenda soċjali b'saħħitha, u jindirizzaw il-kwistjonijiet urġenti tal-faqar u l-akkomodazzjoni affordabbli fl-UE. Fil-qafas ta' pjan ta' azzjoni ġdid, ser inkomplu nagħmlu progress fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u naħdmu lejn ġustizzja interġenerazzjonali. Ser insaħħu l-impenn tagħna biex navvanzaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa fl-oqsma kollha tal-ħajja, mill-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru għal paga ndaqs, l-emanċipazzjoni ekonomika u l-parteċipazzjoni politika. Ser inkomplu bl-isforzi tagħna biex nissalvagwardjaw l-ugwaljanza u d-drittijiet fundamentali, ngħinu biex nattiraw nies bil-ħiliet it-tajba biex jikkorrispondu mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol tagħna u nindirizzaw l-effetti negattivi tas-servizzi diġitali fuq is-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini. Aħna nimpenjaw ruġna li nippromwovu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u nappoġġaw l-iżvilupp ta' reġjuni u bliet prosperużi, sostenibbli u inklużivi.
4. Biex **insostnu l-kwalità tal-ħajja tagħna**, ser nimmiraw li nsaħħu r-regoli dwar il-protezzjoni tan-natura, inkluż l-oċean u l-ibħra, u li nimmaniġġjaw aħjar ir-riżorsi tagħna u b'mod partikolari r-reżiljenza idrika tal-UE. Ser nirrikonoxxu, nippromwovu u nippremjaw lill-bdiewa u lis-sajjieda biex tiġi żgurata s-sigurtà alimentari tagħna u tiġi ppreservata n-natura biex ngħinu nilħqu l-miri tagħna fil-qasam tal-biodiversità u l-klima.

5. Biex **niproteġu d-demokrazija tagħna u nħarsu l-valuri tagħna u niddefendu l-istat tad-dritt**, ser naħdmu fuq varjetà ta' oqsma biex niġġieldu l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza online u d-diżinformazzjoni mill-barranin. Ser insaħħu l-impenn tagħna biex terġa' tinkiseb il-fiduċja fil-proċessi demokratiċi u nkomplu l-ħidma tagħna fuq it-tiŝiħ tas-soċjetà ċivili.
6. Biex **nisfruttaw is-setgħa u s-sħubijiet tagħna**, ser inkomplu nikkoordinaw mill-qrib ma' sħab tal-istess fehma dwar firxa ta' kwistjonijiet inklużi l-politika dwar il-klima, il-kummerċ, l-enerġija, il-migrazzjoni, il-perkorsi legali lejn l-UE, is-sigurtà u r-reżiljenza. Għal dan l-għan, ser insaħħu r-rabtiet tagħna mas-sħab tagħna madwar il-Mediterran, kif ukoll mal-Afrika u l-Indja. Aħna nibqgħu impenjati għat-tkabbir tal-Unjoni bħala investment fil-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità. Ser naħdmu biex nirriformaw il-politiki u l-proċeduri tagħna biex inħejju ruħna għall-futur f'Unjoni mkabbra. Ser niżguraw li l-UE u l-Istati Membri jkomplu jkunu wieħed mid-donaturi ewlenin tal-għajnuna umanitarja.
7. Biex dawn l-ambizzjonijiet isiru realtà, ser nibdew diskussjonijiet dwar il-**baġit fit-tul il-ġdid** (Qafas Finanzjarju Pluriennali) u l-finanzjament tiegħu, li jrid ikun flessibbli biex jindirizza l-isfidi li qed tiffaċċa l-UE, aktar iffukat fuq il-prijoritajiet tagħna, inkluż il-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, aktar sempliċi u li jħalli impatt akbar. Ser inkomplu naħdmu biex nintroduċu riżorsi proprji ġodda.

It-tliet istituzzjonijiet jimpenjaw ruħhom li jaħdmu fuq dawn il-prijoritajiet kondiviżi għall-2025 iggwidati mill-prinċipji ta' fiduċja reċiproka, rispettu u spirtu kollaborattiv. Ser nagħtu prijorità lill-proposti leġiżlattivi li għandhom l-għan li jissimplifikaw il-leġiżlazzjoni u jnaqqsu l-piż u nżidu l-isforzi biex niżguraw l-implimentazzjoni u l-infurzar xierqa tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

Bħala l-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-Kummissjoni Ewropea, ser nimmonitorjaw mill-qrib l-implimentazzjoni f'waqtha u effiċjenti ta' din id-Dikjarazzjoni Konġunta.